BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

30 ta' Settembru, 2010

# Minuti tal-laqgha 48(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 48(05) fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera, s-sur Ivan Peresso - Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar, kien skuzat peress li kellhu jattendi l-laqgha tal-Kumitat tar-Regjun tax-Xlokk ghan-nom tal-Kunsill.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 47(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.5 (47/05) – Sitwazzjoni tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli.

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li wara kjarifika li saret, il-Kunsill flimkien mal-Perit responsabli min dan il-progett, indunaw li l-informazzjoni li l-MEPA kienet qedha titlob, kienet ntbghatet mil-Perit izda gie mitluf min-naha ta' l-Awtorita.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.8(47/05) Decizjoni dwar it-tender ghax-xiri u installazjoni ta' generator ghal Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsill li l-MEPA mhux ser taghti permess lil Kunsill sabiex jigi nstallat *generator* ta' dak id-daqs fuq il-bejt tal-Berga ta' Franza u ghalhekk trid tinstab alternattiva.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku, nforma lil Kunsillira prezenti dwar is-sitwazzjoni li nqalghet wara li l-Kunsill Lokali tal-Birgu oggezjona li jaghti l-permess lil Kunsill Pastorali Parrokkjali Parrocca Senglea – Kummissjoni Festi Esterni, biex jinharaq il-loghob tan-nar mil-area maghrufa bhala "Tal-Glaziz", fil-konfini tal-Birgu u l- Pulizija, xorta wahda harget il-permess biex dan jinharaq mil-area li hija ukoll devoluta lil Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jiehu l-passi kollha mehtiega sabiex jinfetah protest kontra l-Pulizija.

2.2 Is-Sindku, pprezenta ittra mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar premijiet nazzjonali ghall-appogg lill-intraprizi, fejn il-Kunsill jista' jirbah premju ta' tletin elf ewro (€30,000), filwaqt li min jigi fit-tieni post taz-zewg sezzjonijiet ser jinghata il-premju ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) kif ukoll ser ikun hemm sitt premijiet ta' konsolazzjoni ta' hamest elef (€5,000) . Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal dawn il-premijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Ittra minghand is-sur Alan Cassar, ghan-nom ta' Square Wheel Entertainment, sabiex jiffilmjaw fl-area maghrufa tal-Glaziz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta l-applikazzjonijiet tal- Kunsill Lokali tal-Birgu taht l-iskema ta' l-attivitajiet kulturali ghas-sena 2011, mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali permezz ta' Memo 95/10. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill applika sabiex isiru tlett attivitajiet matul is-sena 2011 li huma, "BirguFest 2011", "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha" u l-"Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti".

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Onorevoli Chris Said, dwar id-devoluzzjoni tal-Berga ta' Franza.

2.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kumpanija Pellikola Ltd, talbet l-permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex bejn l-24 u s-27 ta' Settembru, 2010, isir *filming* fil-Belt tal-Birgu ezattament f'Xatt ir-Rizq. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghti l-permess mehtieg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra min hekk is-Sindku qal li din il-kumpanija ser taghti donazzjoni ta' € 1200, liema donazzjoni ser tmur biex jithallsu l-ispejjez relatati ma' l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu, 2010.

3. **Jum il-Birgu.**

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tinbidel il-gurnata li tigi ccelebrata Jum il-Birgu u ghaldaqstant ssugerixxa li d-data tkun meta gie kkonstitwit ghal ewwel darba, il-Kunsill Popolari fil-Birgu. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-sur Lino Bugeja qed jaghmel ricerka sabiex jikkonferma ezattament id-data meta kienet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4. **Approvazzjoni tal-Method Statement tal-Berga ta' Franza**

Is-Sindku s-sur John Boxall, pprezenta l-« Method Statement tal-Berga ta' Franza », ppreparat mil-Perit Claude Busuttil, ghal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex l-Kunsill japprova dan il-*method statement.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **L-attivita tal-BirguFest 2010**

Is-Sur John Boxall, Sindku, tah rendikont tal-preparamenti kollha li qeghdin isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2010.

Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru, 2010 fil-5 :30 ta' filghaxija

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku